# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR.DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' April 1999**

**Numru 28**

**Citaz. numru 49/82DS**

Paul Azzopardi in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited u b'nota tal-5 ta' Mejju 1992 l-Avukat Dr. Grazio Mercieca LL.D. assuma l-atti minflok Paul Azzopardi u b'nota tat-3 ta' Settembru 1988 l-Avukat Dominic A. Cassar ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bnk of Valletta Limited assuma l-atti flimkien ma' l-Avukat Grazio Mercieca f'isem is-socjeta' msemmija
vs
Guido Falzon, George Sammut, Salvina mart Guido Falzon, Emmanuela mart Francesca Calleja u Carmena mart Salvatore Borg bhala eredi tal-mejjet missierhom Paul Sammut u b'digriet tat-28 ta' Ottubru 1982 giet imsejha fil-kawza Luigia armla ta' Paolo Sammut

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Jannar 1982 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

B'kuntratt ippublikat min-Nutar Remigio Zammit Pace fil-25 ta' Lulju 1978 u li kopja fotostatika tieghu hija hawn esebita u markata Dok. A, l-

attur nomine, ikkonceda "overdraft facilities" lill-konvenut Guido Falzon bit-termini u l-kondizzjonijiet hemm imsemmija.

U peress illi fl-istess kuntratttal-25 ta' Lulju 1978 Paul Sammut iggarantixxa in solidum ma Guido Falzon ghaf-favur tal-Bank of Valletta Limited id-debiti tal-istess Guido Falzon mal-Bank of Valletta Limited.

U peress illi l-attur nomine jinsab kreditur ta' Guido Falzon fl-ammont ta' tlett elef mitejn u wiehed u erbghin lira Maltin sitta u disghin centezmu u tmien millezmi (Lm3241.96,3) bilanc mid-debitu fl-"overdraft account" tieghu mal-Bank of Valletta limited (Dok. B1 sa B12)- salvi mghaxijiet ulterjuri mit-23 ta' Settembru 1981 sad-data tal-effettiv pagament.

U peress illi Paul Sammut miet fis-7 ta' Lulju 1980 u halla bhala eredi tieghu lit-tfal tieghu, u cioe' il-konvenuti George Sammut, Salvina, Mart Guido Falzon, Emmanuela mart Francesco Calleja u Carmena mart Salvatore Borg.

U peress illi sew Guido Falzon u sew George Sammut, Salvina mart Guido Falzon, Emmanuela mart Francesco Calleja u Carmena mart Salvatore Borg bhala eredi ta' missierhom Paul Sammut gew interpellati, b'ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 1981 (Dok C) sabiex ihallsu d-dejn taghhom, izda baqghu inadempjenti.

Talab lil din il-Qorti li, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil-attur nomine is-somma ta' tlett elef mitejn u wiehed u erbghin lira maltin sitta u disghin centezmu u tmien millezmi (Lm3241.96,8) bilanc mid-debitu fl-"overdraft account" ta' Guido Falzon mal-Bank of Valletta Limited - salvi mghaxijiet ulterjuri mit-23 ta' Settembru 1981 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti George Sammut, Emmanuela mart Francesco Calleja u Carmena mart Salvatore Borg fejn qalu:

Illi l-azzjoni attrici hija fil-konfront taghhom intempestiva peress illi huma accettaw il-wirt devolut favur taghhom mis-successjoni ta' missierhom Paul Sammut bil-benificcju tal-inventarju u ghalhekk jinhtieg illi l-ewwel jigi likwidat l-assi tad-'decuius' qabel ma jista jintalab ebda hlas kwalsiasi mill-attur nomine minghand l-eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-ecezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza Luigia armla ta’ Paolo Sammut fejn qalet:

Illi l-ammont pretiz mill-attur nomine huwa esagerat ghaliex, inter alia, jikkomprendi imghaxijiet komposti, kontra dak premess mill-Ligi.

Subordinament u bla pregudizzju ghal-premess, ma japplikax fil-konfront tal-eccipjenti il-kuncett tas-solidarjeta' la mad-debitur principali u lanqas mal-eredi tal-mejjet zewgha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghom;

Rat l-atti kollha tal-kawza mnejn jirrizulta wkoll li l-konvenuti Guido Falzon u Salvina mart Guido Falzon baqghu kontumaci;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-20 ta’ Lulju 1994;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta’ cessjoni pprezentata fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 1999 u li permezz taghha filwaqt li gie cedut is-sorte nzamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Tiddeciedi billi, stante c-cessjoni tas-sorte minhabba pagament fil-mori tal-kawza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza filwaqt li l-ispejjez, salv dak provdut bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-20 ta’ Lulju 1994, jithallsu mill-konvenuti.

D/Registratur